Avviv Numru CCT 103/12/GZ

**Christ Bugeja**

**vs**

**Muscat Motors Ltd.**

Illum 6 ta' Marzu 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' April, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' tliet mija u ghoxrin Ewro (€320.00), liema talba giet emendata u ridotta ghal mija u erbghin Ewro (€140.00), rapprezentanti l-prezz ta' 'front disc brake' u 'front brake pads' ghal karozza li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata u li kienet ghadha koperta bil-garanzija, pero' liema spejjez is-socjeta' ntimata 'nsistiet illi kienu spejjez tar-rikorrent.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrenti, wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

F'Ottubru 2010 huwa kien xtara karozza gdida minghand is-socjeta' ntimata, fejn huwa kien gie nformat illi l-karozza kienet koperta bil-garanzija ta' sentejn fuq 'parts' u 'labour'. Pero' meta r-rikorrent ilmenta mas-socjeta' ntimata illi l-karozza kienu hargulha zewg difetti, huwa gie nformat illi x-xoghol kien ser isir a spejjez tieghu, meta l-karozza kienet ghadha koperta bil-garanzija.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tal-kuntratt datat 23 ta' Settembru 2010 u ffirmat mill-partijiet.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn zied jghid illi l-karozza kienet ilha ghandu sena u li kienet koperta bil-garanzija ta' sentejn fuq 'parts' u 'labour', u li ghalhekk huwa qatt ma ppretenda li kien ser ikollu jhallas xi flus. Stqarr illi l-'brakes' ma bdewx izommu tajjeb u ghalhekk kellu jibdilhom.

Ir-rikorrent, ezebixxa ittra datata 8 ta' April 2012 u ffirmata minghand is-socjeta' ntimata, li giet immarkata bhala Dok.CB1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija stqarret illi huwa normali li wara 17,000 miles jittieklu l-'brakes' u parti mid-'discs', ghaliex dawn ihokku ma' xulxin. Stqarret illi fil-kuntratt hemm specifikament imnizzel li l-'brakes' m'humiex koperti bil-garanzija.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tal-'contractual warranty', li giet immarkata bhala Dok.DS1; kopja ta' 'email' li turi l-prezz tal-'brakes', li giet immarkata bhala Dok.DS3; u sett ritratti li gew immarkati bhala Dok.DS4.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-prova tal-garanzija li giet ezebita, qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**